



Dokument ta' sessjoni

B9-0241/2019

16.12.2019

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-kommemorazzjoni tat-30 anniversarju tar-rivoluzzjoni Rumena ta' Diċembru 1989
(2019/2989(RSP))

Traian Băsescu, Ioan-Rareș Bogdan, Siegfried Mureșan, Marian-Jean Marinescu, Vasile Blaga, Daniel Buda, Cristian-Silviu Bușoi, Gheorghe Falcă, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ștefan Motreanu, Gheorghe-Vlad Nistor, Eugen Tomac, Loránt Vincze, Iuliu Winkler, Roberta Metsola, Kinga Gál, Antonio Tajani, Radan Kanev

f'isem il-Grupp PPE

Dan Nica, Juan Fernando López Aguilar, Claudiu Manda, Klára Dobrev, Csaba Molnár, Attila Ara-Kovács, Cristian Terheș, Maria Grapini, Tudor Ciuhodaru, Mihai Tudose, Carmen Avram, Adrian-Dragoș Benea, Bogusław Liberadzki, Rovana Plumb, Monika Beňová, Miroslav Číž, Robert Hajšel, Corina Crețu

f'isem il-Grupp S&D

Dacian Cioloș, Cristian Ghinea, Dragoș Tudorache, Dragoș Pîslaru, Clotilde Armand, Ramona Strugariu, Vlad-Marius Botoș, Nicolae Ștefănuță, Karen Melchior

f'isem il-Grupp Renew

Dace Melbārde, Andrey Slabakov, Anna Fotyga, Zdzisław Krasnodębski, Angel Dzhambazki, Nicola Procaccini

f isem il-Grupp ECR

B9-0241/2019

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-kommemorazzjoni tat-30 anniversarju tar-rivoluzzjoni Rumena ta' Diċembru 1989 (2019/2989(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-prinċipji universali tad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea bħala komunità msejsa fuq valuri komuni,
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fl-10 ta' Diċembru 1948,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Settembru 2019 dwar l-importanza tat-tifkira tal-istorja Ewropea għall-ġejjieni tal-Ewropa¹,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet dwar id-delitti tar-reġimi totalitarji Komunisti adottati minn għadd ta' parlamenti nazzjonali,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-2019 timmarka l-kommemorazzjoni ta' 30 sena mir-rivoluzzjoni Rumena, li rriżultat mir-rewwixti f'Timişoara, li aktar tard komplew fil-partijiet kollha tal-pajjiż u laħqu l-qofol tagħhom frivoluzzjoni antitotalitarja f'Bucharest, li wasslet għall-waqgħa tar-reġim komunista u għad-dħul fis-seħħ tad-demokrazija; billi din ir-rivoluzzjoni rrappreżentat it-tranżizzjoni tal-poplu Rumenu lejn il-libertà u l-istat tad-dritt, li traġikament wasslet għal telf ta' 1 142 ħajja, 3 138 persuna midruba b'mod gravi, u aktar minn 760 individwu sfaw detenuti u ttorturati illegalment;
- B. billi r-rivoluzzjoni Rumena ta' Diċembru 1989 kienet l-aktar vjolenti mir-rewwixti kollha li wasslu għall-waqgħa tal-komuniżmu fl-istati wara l-Purtiera tal-Ħadid;
- C. billi r-rivoluzzjoni ta' Diċembru 1989 u s-sagrifiċċji taċ-ċittadini Rumeni li b'mod kuraġġu kienu fil-linja tan-nar, fetħu t-triq għall-pajjiż lejn in-NATO, l-Unjoni Ewropea u d-dinja demokratika, li minnha nqata' wara tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija kontra r-rieda tal-poplu Rumenu;
- D. billi l-użu tal-forza kontra l-poplu Rumenu f'Diċembru 1989 heżżet għalkollox lis-soċjetà Rumena sal-qalba, u l-identifikazzjoni tal-awturi attwali ta' dawn ir-reati għadha kwistjoni mhux solvuta għall-vittmi, għall-familji tagħhom u għaċ-ċittadini Rumeni kollha;
- E. billi l-ebda att ta' aggressjoni militari kontra persuna mill-poplu proprju ma għandu jitħalla ma jiġix ikkastigat;
- F. billi s-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (Assoċjazzjoni

¹ Testi adottati, P9_TA(2019)0021.

"21 ta' Diċembru 1989" u Oħrajn vs ir-Rumanija; Acatrinei u Oħrajn vs ir-Rumanija; Şandru u Oħrajn vs ir-Rumanija) jirrikonoxxu li matul ir-rivoluzzjoni kien seħħ ksur enormi tad-drittijiet fundamentali - bħal ksur tad-dritt għall-ħajja, tal-projbizzjoni ta' tortura u trattament inuman jew degradanti u tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja - u li dan il-ksur twettaq mill-forzi tar-reġim dittatorjali komunista li fetaħ in-nar fuq dimostranti paċifiċi u ċaħħad lil numru kbir ta' dimostranti kontra l-oppressjoni ta' Ceuşescu mil-libertà tagħhom; billi, anke wara li għaddew ħafna snin, la l-vittmi u lanqas l-eredi tagħhom ma tgħallmu l-verità dwar iċ-ċirkustanzi preċiżi ta' dawn it-traġedji;

- G. billi, skont kif inhu minqax fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem; billi dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri kollha;
- H. billi l-Istat Rumun dewwem bla bżonn il-proċess ta' kjarifika tal-verità u biex jagħmilha disponibbli għall-pubbliku, li huwa kruċjali biex jiġi ggarantit id-dritt tal-vittmi u l-eredi tagħhom għal kumpens u reparazzjoni ekwi; billi l-awtoritajiet nazzjonali naqsu milli jaġixxu bid-diliġenza dovuta meħtieġa imposta minn normi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem;
- 1. Ifakkar u b'dan jagħti ġieħ lill-vittmi tar-rivoluzzjoni ta' Diċembru 1989, li ssagrifikaw ħajjithom biex jintemm id-dittatorjat totalitarju fir-Rumanija, u għall-familji tagħhom;
- 2. Jirrikonoxxi li s-sagrifiċċju tad-dimostranti paċifiċi ta' Diċembru 1989 witta t-triq għat-tranżizzjoni tar-Rumanija lejn id-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-istabbiliment ta' ekonomija tas-suq, kif ukoll l-integrazzjoni sussegwenti tagħha fl-Alleanza tal-Atlantiku tat-Tramuntana u l-Unjoni Ewropea;
- 3. Jistieden lill-Istat Rumun biex isaħħaħ l-isforzi tiegħu biex jiċċara l-verità fir-rigward tal-avvenimenti tar-rivoluzzjoni, ħtieġa assoluta għall-pajjiż, il-poplu Rumun, l-Ewropa u l-Unjoni Ewropea, fid-dawl tad-dritt tal-poplu Rumun li jsir jaf il-verità, 30 sena wara r-rivoluzzjoni ta' Diċembru 1989;
- 4. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha, inkluża r-Rumanija, jagħmlu l-almu tagħhom biex jiżguraw li r-reati tar-reġimi komunisti jibqgħu fil-memorja, u jigarantixxu li dawn ir-reati qatt ma jergħu jitwettqu;
- 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-Riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri kollha.